MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2009

Numru 161/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Mario Tonna**

**vs**

**Ingrid Fenech**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Ingrid Fenech ta' 33 sena, bint Alfred u Grace nee' Camenzuli, imwielda fil-15 ta' Ottubru 1974 u residenti 44, 'Loving Librans', Triq Pietru Saliba, Luqa u detentrici tal-karta tal-identita' numru 503574(M) giet imressqa quddiemha akkuzata talli:

Fit-22 ta’ Jannar, 2008 ghall-habta ta’ 5.30 p.m., fi Triq Dun Nerik Perez, Hamrun, saqet vettura Nru. ING-150 u b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkagunat offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Carmel Spiteri skond kif iccertifika Dr. Jason Debono M.D. mic-Centru tas-Sahha tal-Furjana.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikata mill-licenzji kollha taghha tas-sewqan.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta’ Lulju 2008 (esebit *a folio* 19 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilha fis-seduta tal-10 ta’ Lulju 2008 l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u d-Difiza.

Rat in-nota ta’ Sottomissjonijiet finali tal-parti civili.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident stradali li sehh fit-22 ta’ Jannar 2008 ghall-habta tal-5.30pm fi Triq Dun Nerik Perez il-Hamrun. Mill-provi rrizulta li l-imputata kienet ipparkeggjat il-vettura taghha bin-numru tar-registrazzjoni ING 150 fl-imsemmija triq u wara li fethet il-bieba ta’ quddiem tan-naha tas-sewwieq intlaqat il-parti civili Carmel Spiteri li kien ghaddej mill-imsemmija triq qed isuq il-mutur bin-numru tar-registrazzjoni FAB 262. Mill-provi rrizulta li l-parti civili sofra griehi ta’ natura gravi stante li kellu feriti f’wiccu u f’sidru.

Il-parti civili Carmel Spiteri li xehed fl-udjenza tal-10 ta’ Lulju 2008 spjega li dakinhar tal-incident kien qed isuq il-

mutur tieghu fl-imsemmija triq bl-intenzjoni li johrog ghal St. Joseph High Road, Hamrun. Huwa jghid li fit-triq kien hemm hafna traffic u huwa kien qed jistenna wara t-traffic, jimxi u jieqaf. Huwa jghid ukoll li quddiemu kien hemm vann transit u huwa kien qed izomm warajh meta f'hin minnhom il-vann saq, huwa saq warajh u nfethet bieba ta' vettura tal-marka Volkswagen Polo li kienet parkeggjata man-naha tax-xellug tieghu, huwa ha daqqa, waqa' mal-art u spicca man-naha tal-lemin tieghu precizament hdejn il-bieba li kienet infethet. Huwa jsostni li s-sewwieq tal-vann li kien hemm quddiemu waqaf u wara li poggew il-mutur mal-gemb tat-triq dan is-sewwieq hadu il-policlinic. In kontro-ezami dan ix-xhud jghid li t-traffiku kien miexi bil-moghod hafna jispjega li l-vann ta' quddiemu kien aktar wiesgha mill-mutur tieghu u jikkalkula li kien qed izomm distanza ta' madwar sitt piedi 'il boghod mill-vann. Carmel Spiteri jikkalkula li l-pozizzjoni tal-mutur tieghu vis a vis il-wiesgha tal-vann kienet lejn nofs il-vann. Huwa jghid li ra l-bieba mad-daqqa u cioe' malli nfethet u jispjega li meta habat mal-bieba saqajh kienu ghadhom mal-art u fill-fatt il-mutur ma waqax mal-ewwel ghaliex zammu b'saqajh izda mbaghad meta ra d-demm ma wiccu telqu u l-mutur waqa' mal-art.

L-imputata Ingrid Fenech li xehdet fl-udjenza tat-30 ta' Ottubru 2008 spjegat li hija kienet qed issuq fi Triq Cordina
Perez il-Hamrun fejn kien hemm traffiku ghaddej bil-moghod meta rat parking space, ipparkeggjat il-vettura taghha mal-bankina f'distanza ta' madwar tul ta' tlett vetturi minn fejn it-triq tisbokka ghal fuq il-main road sabiex il-bieba tad-driver kienet man-naha tat-triq minn fejn kienu qed jghaddu il-vetturi. Hija tghid li fil-bokka tat-triq kien hemm minibus, warajh kien hemm vettura ta' kulur blu u wara din il-vettura kien hemm vettura bajda u hija kienet parkeggjata biswit din il-vettura bajda. L-imputata tghid ukoll li tfiet il-magna tal-vettura taghha u qabel ma fethet il-bieba harset kemm mill-mera kif ukoll mit-tieqa sabiex tara xi traffiku kien ghaddej u meta rat line of traffic ghaddej u spazju bizzejjed sabiex tiftah il-bieba hija hekk ghamlet u kellha il-bieba miftuha berah u kienet qed tohrog ic-cavetta mill-ignition u tnizzel saqajha

mill-vettura meta minn taht il-ghajn rat mutur gej minn warajha qed jaqbez xi tlett vetturi u dan il-mutur baqa' diehel fil-bieba tal-vettura taghha li kienet miftuha. Hija tispjega li dak il-hin saqajha kienu l-barra mill-vettura u kienet ser tqum minn fuq is-seat u tispjega inoltre li meta kienet bil-bieba miftuha qed taqbad ic-cwievet il-vetturi baqghu ghaddejjin minn hdejha b'mod normali. L-imputata tghid li s-sewwieq tal-mutur waqa' bil-mutur b'kollox mal-art u gie bejn il-vettura il-blu u l-vettura l-bajda u l-mutur laqghat in-naha ta gewwa tal-bieba taghha li spiccat sabiex intlewiet 'il quddiem.

Ikkunsidrat:

Illi wara li ezaminat bir-reqqa l-provi migjuba kemm mill-Prosekuzzjoni kif ukoll mid-Difiza, f'dan il-kaz il-Qorti hija tal-fehma li l-imputata rnexxilha tipprova sal-grad tal-probabbli li l-incident de quo ma sehhx minhabba traskuragni jew nuqqas ta osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha. Il-Qorti tirrileva li mix-xhieda tal-istess parti civili Carmel Spiteri jirrizulta li l-pozizzjoni tal-mutur tieghu vis a vis il-vann li kien hemm quddiemu kienet li dan kien lejn nofs il-wisgha tal-vann. Huwa ikkonferma wkoll li l-vann ta' quddiemu huwa aktar wiesgha mill-mutur kif ukoll li l-vann baqa' ghaddej minghajr ma nltaqat mill-bieba tal-vettura tal-imputata. Jekk wiehed jara ir-ritratti li jinsabu esebiti a fol. 52 sa 56 tal-process wiehed jista' jikkonstata li b'vettura bhal dik tal-imputata u bil-flow of traffic ghaddej hemm spazju sostanzjali sabiex il-vetturi ma jintlaqtux meta tinfetah il-bieba. Jekk allura kif qed isostni Spiteri il-mutur tieghu kien qieghed lejn nofs il-wisgha tal-vann kien imposibbli li jintlaqat il-mutur jew Spiteri meta infethet il-bieba stante li kien hemm spazju sostanzjali sabiex jghaddi il-mutur bil-bieba miftuha minghajr ma jintlaqat. Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt jikkorobora il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputata li l-incident de quo effettivament sehh ghaliex Carmel Spiteri kien qed jissorpassa il-flow of traffic min-naha ta' gewwa ma ndunax bil-bieba tal-vettura tal-imputata miftuha u baqa' diehel fiha.

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk l-imputata rnexielha tipprova sal-grad tal-probabbli li ma kien hemm ebda traskuragni, nuqqas ta' hila jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess akkuza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------